CARMELO GALEA & ASSOCIATES
ADVOCATES

83, Sir Luigi Camilleri Street, Victoria, VCT 2706,
Gozo, Malta

**Tel:** (+356) 2156 3348
**Fax:** (+356) 2155 1580

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 2 JUN 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

31 ta' Mejju 2022

The Chairman,
Environment and Planning Review Tribunal
Block B, St Francis Ditch
Floriana.

**Appell minn Deċiżjoni dwar Multa Amministrattiva**
**Nru. Tal-Kaz: IF1309/21-L – Ref: SO0853**

Nikteb għan-nom ta' Joseph Mercieca ta' Blk E, Bieb A, Fl 8, Triq tac-Cawla, Ir-Rabat, Għawdex li jixtieq jappella mill-Avviż dwar Multa Amministrattiva datat 14 ta' Ottubru 2021 liema multa amministrattiva ġiet effettiva f'termini tal-Liġi u din id-deċiżjoni ġiet notifikata lilu permezz ta' ittra datata s-16 ta' Mejju 2022.

Huwa ġie akkużat talli nhar l-Erbgha 8 ta' Settembru, 2021 għall-ħabta tas-sebgha neqsin ghoxrin, (6.40) ta' filgħodu, fi Triq tac-Cawla, ir-Rabat, Għawdex, is-Sur Joseph Mercieca iddepozita jew halla zibel mhux skont l-iskeda ta' din il-lokalita ghall-gbir ta' hwejjeg mormiija, li tinstab fi skeda 3 tal-LS549.40 – ir-regolament dwar l-abbandun, ir-rimi u t-tneħhija ta' skart fit-toroq u f'postijiet jew zoni pubblici.

Illi konsegwentament huwa ġie mwaħħal penali amministrattivi ta' mija u ħamsin ewro (€150).

Illi l-fatti li taw lok għal dan l-inċident huma s-segwenti: huwa ha borza zibel riciklat għax bi żvista u genwinament biddel il-gurnata. Hekk kif dendilha mal-granpun li hemm apposta ghal dawn il-boroz, hargu zewg ufficcjali tal-ERA u qalulu li mhux suppost harigha f'dik il-gurnata. Malli qalulu hekk, il-klijent skuza ruhu u gabar il-borza lura.

Illi minbarra l-kunsiderazzjonijiet legali, hemm ukoll li l-klijent reġa' ġabar il-borza lura u skuża ruħu. Fis-sustanza l-piena amministrattiva imposta hija gravjuża u se mai ikollu ingħata twissija kif normalment isir għall-ewwel kontravvenzjoni.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija jitlob lil dan l-Onorrabli Tribunal sabiex iħassar id-deċiżjoni datata is-16 ta' Mejju 2022 u li minflok l-piena amministrattiva ta' €150 jingħata twiddiba kif hu xieraq u ġust skont il-liġi. Fl-istess ħin hu jobbliga ruħu li inċidenti simili mhux ser javveraw ruħhom.

**Av. Daniel Calleja**